**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 3 ta' Diċembru 2015**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 40/2010**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Gordon Dimech**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fid-19 ta' Awwissu 2010 kontra Gordon Dimech li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Gordon Dimech li, bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorgu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta jew barra minn Malta, ikkonġura f'dak is-sens

ma’ xi persuna oħra, b’dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta’ aktar minn tlieta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-28 ta’ Ġunju 2013 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih bi tmien (8) voti favur u b’vot wieħed kontra sabu lill-imsemmi Gordon Dimech ħati ta’ l-Uniku Kap ta’ l-Att ta’ Akkuża, iddikjaratu ħati talli fil-gimghat qabel il-21 ta’ Dicembru 2005 kif ukoll dakinhar stess bil- ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta’ Malta, jew li, sew f’Malta jew barra minn Malta, ikkonġura f’dak is-sens ma’ xi persuna oħra, b’dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta’ aktar minn tlieta.

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 337A(1), 23 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati Gordon Dimech għall-piena ta’ seba` (7) snin priġunerija, b’dana li minn dan il-perijodu jrid jinqata’ kull żmien li hu għamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma dan ir-reat. Ordnat ukoll il-konfiska tal- “speed boat” u mutur Mariner 115 esebiti formalment quddiem il-Qorti f’dan il-proċess favur il-Gvern ta’ Malta. Dan ukoll wara li l-ewwel Qorti rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża, qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Stefano Filletti u s-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Lara Lanfranco, u kkunsidrat is-segwenti:

> “Ikkonsidrat mill-banda l-oħra l-gravita` ta’ dan ir-reat fil-kontest li l-Gżejjer Maltin qed iservu bħala mezz ta’ transitu mill-Afrika ta’ Fuq għal pajjiżi oħra fit-tramuntana ta’ dawn il-Gżejjer, bil-perikoli kemm għall-persuni traffikati nnifishom kif ukoll għat-tessut soċjali w ekonomiku w għas-sigurta` nazzjonali ta’ dawn il-Gżejjer u għalhekk dawn il-Qrati għandhom jieħdu veduta serja ta’ reati simili fil-parametri tad-diskrezzjoni lilhom mogħtija mil-leġislatur, bil-għan li jkun hemm deterrent għall-prattiċi llegali simili.
>
> “Rat illi din mhux l-ewwel darba li l-ħati kiser difrejh mal-liġi u dan il-fattur irid jitqies ukoll fl-ikkalibrar tal-piena.
>
> “Qieset ukoll sentenzi ta’ Qrati oħra li jikkonċernaw l-istess tip ta’ reat u partikolarment is-sentenza tagħha fil-kawża ‘The Republic of Malta vs Lin Yi’ [13/3/2006] u ‘Ir-Repubblika ta’ Malta vs Gamil Abu Bakr’ [02/07/2009].”

**4.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Gordon Dimech ppreżentat fit-18 ta’ Lulju 2013 fejn talab lil din il-Qorti sabiex, prevja li tiddikjara li jissussistu rregolaritajiet u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi li setgħu jkollhom influwenza fuq il-verdett, u/jew tiddikjara li l-ġurati ma setgħux raġonevolment isibu ħtija

fil-konfront tiegħu, tħassar u tirrevoka l-verdett tal-ġurija u s-sentenza appellata u tordna li tiġi reġistrata sentenza u verdett ta' liberazzjoni, jew alternattivament tordna li huwa jerġa' jiġi pproċessat mill-ġdid, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena xierqa għall-każ odjern; rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentata fil-25 ta' Mejju 2015; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma, fil-qosor, illi kien hemm irregolaritajiet matul il-kawża u kien hemm ukoll interpretazzjoni żbaljata fil-liġi b'mod li dan kollu seta' kellu influwenza fuq il-verdett, u allura seħħet amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja, illi huwa ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża, u illi l-piena hi eċċessiva. Din il-Qorti sejra tikkunsidra fl-ewwel lok dak li l-appellant iqis bħala irregolaritajiet li seħħew matul il-kawża.

**6.** Fir-rikors ta' appell tiegħu l-appellant jgħid fl-ewwel lok:

> "Illi kif ghandu jirrizulta id-difiza principali ta' l-imputat kienet l-insufficjenza tal-mezzi fil-kommissjoni tar-reat adebit lill-esponent. Illi il-mezzi uzati f'dan l-allegat reat ma kienu xejn salv l-ispeedboat li giet mibjugha lil Hafes Bertawi.
>
> "Ghandu jirrizulta illi il-pern ta' din id-difiza kien l-idoneita` o meno ta' din id-dghajsa li tittrasferixxi erbatax-il ruh minn Malta. Illi minn dan kollu jirrizulta illi id-dghajsa li kienet esebita formalment quddiem il-Qorti Kompilatorja kienet l-aktar prova importanti u indispensabbli ghad-difiza. Indubbjament id-difiza riedet turi, kif kellha kull dritt li taghmel, l-imsemmija dghajsa lill-gurati sabiex huma setghu jikkonstataw vizwalment u materjalment jekk kienx umanament possibli illi tittrasporta daqstant nies fuq din l-ispeed boat.
>
> "Illi fil-bidu tal-guri ossia fil-25 ta' Gunju 2013 id-difiza ghamlet verbal fejn talbet li ghandu jsir access fuq id-dghajsa allegatament involuta f'din il-kwistjoni. Illi mill-qari tal-verbal kif dettat mill-istess Imhallef sedenti jidher illi l-Qorti kienet accediet ghal din it-talba.
>
> "Il-qorti qalet *"Il-Qorti, wara li semghet ir-risposta tal-prosekuzzjoni ghal dak li jirrigwarda l-access filwaqt li tifhem is-sottomissjoni tad-difiza tirriserva illi tiddeciedi fi stadju ulterjuri waqt is-smiegh tal-provi meta ghandha taghmel dan l-access."*
>
> "Illi stranament imbaghad waqt il-guri il-Qorti persistentement irrifjutat illi zzomm dan l-access. Illi ghandu jinghad illi dan kollu isarraf f'irregolarita` grossolana liema irregolarita` setghet facilment tincidi fuq il-verdett tal-gurati.
>
> "Illi l-ewwel nett jinghad li la t-talba tad-difiza kienet milqugha l-istess Qorti imbaghad ma setghetx arbitrarjarnent minghajr ebda gustifikazzjoni tirrifjuta ii zzomm l-access.

"Illi in effetti id-dghajsa tifforma parti mill-atti tal-process gudizzjarju essendo li din id-dghajsa giet formalment esebita. Illi ghalhekk id-difiza kellha kull dritt li titlob li tikkontrolla din id-dghajsa li hija dokument importanti ta' l-iter processwali.

"Illi in effetti id-difiza sa mill-istadju tal-kumpilazzjoni uriet ix-xewqa taghha li tikkontrolla dan id-dokument u fil-fatt fis-6 ta' April 2006 a fol 184 tal-process kienet ghamlet talba appozita u l-Qorti kienet ipprovdiet illi tiddeciedi fuq din il-kwistjoni fil-mument opportun meta kellha tigi esebita din id-dghajsa formalment izda ftit wara li giet hekk esebita inhareg l-att ta l-akkuza;

"Illi minhabba fil-premess l-appellant ma setax ikollu smiegh xieraq peress li gie imcahhad milli jikkontrolla l-aktar prova importanti u vitali ghalih."

**7.** Issa, fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2013 quddiem il-Qorti Kriminali, l-ewwel jum tal-ġuri u qabel ma saret il-ħatra tal-ġuri, sar dan il-verbal:

"Dr Stefano Filletti jagħmel referenza għal talba li kienet saret fis-6 ta' April 2006 (a folio 184 tal-proċess) sabiex isir aċċess fuq id-dgħajsa allegatament involuta f'din il-kwistjoni. Din it-talba qatt ma ġiet degretata. Hu jitlob li jingħata opportunita` illi f'dawn il-proċeduri quddiem il-ġurati isir l-aċċess. Dan pero` li d-dgħajsa għandha titqiegħed fil-baħar bi tnax-il persuna fuq ha u erba' *jerrycans* ħalli l-ġurati jkunu jistgħu jikkonstataw l-aspett materjali ta' dan il-każ.

"Il-Qorti, wara li semgħet ir-risposta tal-prosekuzzjoni għal dak li jirrigwarda l-aċċess, filwaqt illi tifhem is-sottomissjoni tad-difiża, tirriżerva li tiddeċiedi fi stadju ulterjuri waqt is-smigħ tal-provi meta għandha tagħmel dan l-aċċess."

**8.** Fis-26 ta' Ġunju 2013, wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x' iġġib, id-difiża reġgħet għamlet talba biex isir l-aċċess. Il-verbal jgħid hekk:

"Id-difiża, f'dan l-istadju, titlob li l-Qorti tordna li jsir aċċess f'Marsamxett fejn allegatament sar it-tluq tad-dgħajsa.

"Id-difiża titlob li din id-dgħajsa titqiegħed il-baħar b'erbatax-il raġel fuqha flimkien ma' *jerrycans* li jirrappreżentaw ammont ta' *fuel* u dana sabiex juri lill-ġurati illi f'dik is-sitwazzjoni d-dgħajsa qatt ma setgħet tagħmel it-traġitt intenzjonat.

"Il-prosekuzzjoni ma tarax ir-relevanza ta' dan l-aċċess peress illi llum ma nafux l-istat tad-dgħajsa x'inhu, jekk hijiex *sea worthy*, u fi kwalunkwe każ ma tagħmilx differenza għal dak li ġie mixli bih l-akkużat."

**9.** In segwitu, l-ewwel Qorti tat dan id-digriet:

> "Il-Qorti,
>
> "Wara li semgħet l-argumenti tad-difiża u l-prosekuzzjoni, jidhrilha li ż-żamma ta' aċċess f'dawn iċ-ċirkostanzi ser tqajjem diffikoltajiet loġistiċi li mhux faċli jiġu sorvolati. Kif qalet il-prosekuzzjoni l-istat tad-dgħajsa llum mhux magħruf u din il-Qorti mhix ser tissogra tordna li jitqiegħdu erbatax-il raħel fuqha mingħajr l-assikurazzjoni li din id-dgħajsa ma tagħmilx ilma u tista' tibqa' fil-wiċċ mingħajr perikolu għal min ikun fuqha. Din l-assigurazzjoni l-Qorti m'għandhiex.
>
> "Terġa', dan l-aċċess ma jagħmilx differenza għad-difiża peress li dejjem tista' targumenta fuq bażi ta' probabilita` li d-dgħajsa ma kinitx idoneja għal tali vjaġġ f'dawk iċ-ċirkostanzi u f'dak it-temp u tistieden lill-ġurati jaslu għal konklużjonijiet li tipprospettalhom fl-arringa u/jew kontro-replika.
>
> "Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba tal-aċċess u tordna t-tkomplija tal-ġuri."

**10.** Wara dan id-digriet, id-difiża talbet illi tingħata l-opportunita` li flimkien mal-ġurija u l-istess Qorti jaraw din id-dgħajsa. Il-Qorti ddekretat hekk:

> "Il-Qorti ma jidhrilhiex li dan huwa neċessarju. Illum għadda ħafna żmien fuq din id-dgħajsa. Il-kundizzjoni tagħha żgur ma tirrispekkjax kif kienet dak iż-żmien tal-allegat talba [*sic!*] u fi kwalunkwe każ dana jista' jiġi tajjeb konstat bir-ritratti esebiti fil-proċess."

**11.** Issa, fost id-dmirijiet tal-Qorti Kriminali hemm dak illi "trieġi s-smigħ tal-kawża" (art. 436(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali). Fid-dawl tal-provi li kienu tressqu mill-prosekuzzjoni, dik il-Qorti kellha għalhekk kull dritt tiddeċiedi kif iddeċidiet. Huwa minnu illi mill-ewwel digriet jidher li l-ewwel Qorti kienet qed tikkunsidra li żżomm aċċess. Iżda dan kien qabel ma nstemgħu l-provi kollha tal-prosekuzzjoni. Bit-tieni digriet kif ukoll it-tielet digriet mogħtija wara li kienu nstemgħu l-provi, hija tat ir-raġunijiet għaliex ma kinitx qed tilqa' t-talbiet li sarulha. In effetti din il-Qorti tqis tali raġunijiet bħala validi. Irid jiġi enfasiżżat illi r-ritratti, meħudin fi żmien ir-reat addebitat lill-appellant, kienu juru d-dgħajsa kif kienet proprju fiż-żmien in kwistjoni. Inoltre kien hemm ix-xiehda tal-Kaptan David Bugeja li, fir-relazzjoni tiegħu ndika d-daqs tad-dgħajsa u kemm suppost kellha ġġorr passiġġieri meta l-baħar ikun kalm (massimu ta' ħamsa) u meta t-temp ikun bħalma kien fil-ġurnata in kwistjoni (massimu ta' tnejn jew tlieta).[1] Naturalment bejn kemm suppost kellha ġġorr passiġġieri u kemm attwalment ġarret jew setgħet kienet qed iġġorr passiġġieri hija kwistjoni ta' fatt li għandha tirriżulta mill-provi. Għalhekk dan l-ewwel ilment huwa miċħud.

---

[1] Fol. 239 – 240 atti tal-kumpilazzjoni.

**12.** Permezz tat-tieni lment tiegħu l-appellant isostni illi waqt id-deposizzjoni tiegħu kien hemm intromissjonijiet żejda mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri. Huwa jgħid:

> "Illi f'dan il-process l-imputat ghazel illi jaghti ix-xhieda tieghu. Illi pero` ghandu jinghad li kien hemm intromessjoni zejda mill-Imhallef sedenti waqt id-depozizzjoni ta' l-imsemmi xhud b'mod illi tali intromessjoni setghet giet interpretata b'mod pregudikali mill-gurija fil-konfront ta' l-istess xhud. Intromessjoni daqstant qawwija mill-gudikant setghet wasslet il-messagg hazin lill-gurati li l-istess gudikant ma kienx qed jaghti affidament lil dan l-istess xhud. Naturalment wara l-mistoqsijiet ta' l-Imhallef, id-difiza ma kellhiex aktar l-opportunita` li tirrikapitola bir-ri-ezami.
>
> "Illi wiehed ghandu japprezza illi filwaqt li hemm certu regoli procedurali li jirregolaw kif ghandu jsir il-kontro ezami u dana sabiex dejjem jigi affermat il-principju ta' *equality of arms* u li ma jkunx hemm sorprizi, ma hemm xejn fil-ligi taghna li jirregola meta l-mistoqsijiet isiru mill-imhallef sedenti. Illi ghalhekk hija l-prassi palezi fis-sistema guridika taghna li l-imhallef sedenti ikun kawt hafna fi-interventi illi huwa jaghmel waqt id-disposizzjoni ta' xi xhud aktar u aktar meta ix-xhud jinzerta ikun l-akkuzat innifsu. Illi din hija se mai il-pozizzjoni ritenuta mill-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem. F'dan ir-rigward issir referenza ghal kawza deciza fl-ismijiet **C.G. v. The United Kingdom** deciza mill-Qorti ta' Strasburgu fl-10 ta' Lulju 2002.
>
> "Illi f'din is-sentenza insibu s-segwenti bran:
>
> "'The applicant appealed against conviction. Her grounds of appeal were, inter alia, that the judge had made frequent interruptions and persistently hectored defence counsel, thus depriving the applicant of a fair trial. In particular, it was submitted that during the defence counsel's cross-examination of the main prosecution witness, S., the judge had intervened so frequently that defence counsel was prevented from testing the accuracy of a schedule of banking payments prepared by S.'[2]
>
> "Illi fil-kaz in dezamina meta wiehed jezamina id-depozizzjoni ta' l-appellant wiehed jinnota li kwazi nofs il-mistoqsijiet saru permezz ta' interventi mill-Imhallef sedenti. Illi naturalment dan kollu huwa irregolari ghaliex huwa ultra vires il-kompitu ta' l-Imhallef li jippresjedi il-guri liema irregolarita` f'dan il-kaz zgur li seta' incidiet negattivament fuq il-verdett tal-gurija."

**13.** Din il-Qorti eżaminat ix-xiehda li ta l-appellant waqt il-ġuri. L-ewwelnett jirriżulta illi waqt l-eżami ta' l-appellant, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri għamel żewġ mistoqsijiet għal kjarifika[3]. Imbagħad meta l-appellant qal li ma tantx kien

---

[2] C.G. v. The United Kingdom deciza mill-Qorti ta' Strasburgu fl-10 ta' Lulju 2002, paragrafu 11.

[3] Paġna 75 tat-traskrizzjonijiet: (1) L-appellant qal li hu u Dennis McKay (oriġinarjament ko-akkużat miegħu iżda li miet fil-mori tal-kawża) kienu jbiegħu l-karrozzi flimkien u l-Imħallef sedenti saqsa: "Kontu x'hiex?" (2) L-appellant semma x-*showroom* u l-Imħallef sedenti saqsa: "Fejn qiegħed ix-*showroom* tagħkom?"

jaf jitkellem bl-Ingliż, l-Imħallef sedenti deher li kien sorpriż b'din id-dikjarazzjoni. Difatti nsibu s-segwenti skambju[4]:

"Qorti: Sinjur inti taxi driver, le?
"Xhud: Imma ma tantx naf nitkellem.
"Qorti: Tagħmilha mat-turisti, le?
"Xhud: Imma so on and so on nitkellem, qed tifhem? Prattikuż.
"Qorti: Tippruvax tgħid xi ħaġa illi, inti bilfors trid tkun taf bl-Ingliż għax kieku ma tmexxix mal-klijenti.
"Xhud: So and so imma, il-verita` hux nitkellem.
"Qorti: Tippruvax ittina impressjoni li taf affarijiet li ma jeżistux. Taf bl-Ingliż. Kompli."

**14.** Dan kollu seħħ proprju fil-bidu tax-xiehda ta' l-appellant. Għall-bqija ta' l-eżami, l-Imħallef sedenti ma ntrometta fl-ebda stadju ieħor. Meta mbagħad l-appellant kien qiegħed jixhed in kontro-eżami, kien hemm ukoll żewġ okkażjonijiet fejn l-Imħallef sedenti talab kjarifiki.[5] Hekk kif ġie konkluż il-kontro-eżami, pero`, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri għamel sensiela twila ta' mistoqsijiet lill-appellant kif jirriżulta minn paġni 86 sa 92 tat-traskrizzjonijiet. Naturalment jista' jitqies insolitu illi Imħallef li jippresjedi ġuri jieħu f'idejh xhud, f'dan il-każ l-akkużat, għal daqstant ħin. Iżda ma jistax b'daqshekk jitqies li dan sar b'mod irregolari jew kontra l-liġi. L-artikolu 459 tal-Kodiċi Kriminali fil-fatt jipprovdi hekk:

**"459. L-ordni li għandu jitħares fis-smigħ tax-xhieda hu dan li ġej:**

**Il-parti li ġġib ix-xhud tibda biex tagħmel l-eżami tiegħu; imbagħad il-parti l-oħra, jekk tkun trid, tagħmillu l-kontro-eżami; wara, kull wieħed mill-ġurati jista' jagħmel il-mistoqsijiet li jidhirlu meħtieġa; u l-qorti, barra mill-mistoqsijiet li jkun jidhrilha f'waqthom matul l-eżami jew il-kontro-eżami, tista' fl-aħħar tagħmel kull mistoqsija oħra li jidhrilha meħtieġa."**

**15.** Inoltre, fost id-doveri tal-Qorti waqt il-ġuri, hemm dawk li żżomm il-bon-ordni tas-seduta, li trieġi s-smigħ tal-kawża u li tagħmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-liġi taħt piena ta' nullita`, kull ma jidrilha, fid-diskrezzjoni tagħha, li hu meħtieġ <u>għat-tikxif tal-verita`</u> (art. 436(3)(a)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali).

[4] Paġni 75 – 76 *ibidem*.
[5] Paġna 84 *ibidem*: (1) L-appellant kien qiegħed jiġi kontro-eżaminat dwar l-istqarrija u kien qiegħed jindika xi partijiet li skont hu ma kienx qalhom hu: "Xhud: Le, jiena għidtlu nissoponi li naħseb li għalhekk. Issa ma nafx kif kitibha. Qorti: It-tieni parti vuoldieri li wara ġie jgħidlek li riduha biex jaħarbu minn Malta ma għidthiex inti. Xhud Le le."

**16.** Dwar il-kondotta ta' l-Imħallef li jkun qiegħed jippresjedi ġuri, Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), tghid[6]:

> **"The English criminal trial is adversarial, which means that the parties determine the evidence to be called and the manner and timing of its presentation. The self-interest of the parties, so the theory goes, will ensure that all issues of law and fact are thoroughly aired. If taken to its logical conclusion this principle reduces the role of the judge to that of an umpire – someone whose job it is to see that the rules are obeyed but who takes no direct part. But theory and practice do not entirely coalesce and criminal judges are not, as the Supreme Court of Canada once put it, 'sphinx judges'....**
>
> **"One of the ways in which the judge may participate in the trial is by questioning witnesses. This is an example *par excellence* of the exercise of discretion during a criminal trial … in *R. v. Evans* Lord Justice Scarman affirmed that although 'our system is accusatorial and it is not the part of a Judge to run the case for the Crown or to run the case for the defence but to keep himself apart from the arena in which battle is joined, yet he does have a duty to ensure that justice is done and, if he thinks that justice requires him to put questions, then he has the right and the duty to intervene."**

**17.** F'**Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2001**, para. 7-81, pagna 930 u 931, naqraw:

> **"Interventions by the judge during a trial will lead to the quashing of a conviction: (a) when they have invited the jury to disbelieve the evidence for the defence in such strong terms that the mischief cannot be cured by the common formula in the summing up that the facts are for the jury, and that they may disregard anything said on the facts by the judge with which they do not agree; (b) when they have made it impossible for defending counsel to do his duty; (c) when they have effectively prevented the defendant or a witness for the defence from telling his story in his own way: *R. v. Hulusi and Purvis*, 58 Cr.App.R. 378, CA; see also *R. v. Frixou* [1988] Crim.L.R. 352, CA, and *R. v. Roncoli* [1998] Crim.L.R. 584, CA…. In *R. v. Matthews and Matthews*, 78 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal said that in considering the effect of interventions made by the trial judge the critical aspect of the investigation was the quality of the interventions as they related to the attitude of the judge as might be observed by the jury and the effect that the interventions had either on the orderly, proper and lucid deployment of the defendant's case by his advocate or on the efficiency of the attack to be made on the defendant's behalf on vital prosecution witnesses by cross-examination administered by his advocate on his behalf. Ultimately the question was: might the case for the defendant as presented to the jury over the trial as a whole, including the adducing and testing of evidence, the**

[6] F'pagna 98.

**submissions of counsel and the summing up of the judge, be such that the jury's verdict might be unsafe?"**

**18.** In kwantu jirrigwarda l-iskambju li sar dwar jekk l-appellant jafx bl-Ingliż jew le, din il-Qorti hi tal-fehma li ċerti kummenti setgħu ma sarux, iżda dan ma jfissirx illi dan seta' influwixxa fuq l-kredibilita` o meno ta' l-appellant dwar dawk li kienu l-veri fattispecie tal-każ. Fil-bqija hi tal-fehma li ma jirriżultax li l-ewwel Qorti eċċediet il-limiti tad-diskrezzjoni tagħha f'dak li hu l-mod u l-istanzi li hija interveniet biex tagħmel mistoqsijiet lill-appellant. Fl-ebda istanza ma ġew mistiedna l-ġurati jew ġie suġġerit jew sottintiż lilhom **"to disbelieve the evidence for the defence"**. Ċertament id-difiża ma ġiet bl-ebda mod ostakolata milli tagħmel ix-xogħol tagħha. Minn eżami tat-traskrizzjoni tax-xiehda ta' l-appellant m'hemmx dubju li s-sensiela twila ta' mistoqsijiet lill-appellant l-ewwel Qorti għamlithom skont il-liġi, mhux biss biex jiġu ċċarati diversi dettalji iżda wkoll u bl-iskop aħħari li jsir it-**tikxif tal-verita`**. Għalhekk lanqas ma jista' jingħad illi l-interventi ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri **"effectively prevented the defendant ... from telling his story in his own way"**. Ma jistax lanqas, per eżempju, jingħad illi b'dawn il-mistoqsijiet l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri seta' ġiegħel lill-ġurati jaslu għal xi konklużjonijiet prematuri. Għalhekk, u fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet magħmula fil-paragrafi preċedenti, tqis it-tieni lment ta' l-appellant infondat u għalhekk tiċħdu wkoll.

**19.** It-tielet ilment ta' l-appellant jirrigwarda l-fatt li ma kinitx intlaqgħet talba għall-isfilz ta' l-istqarrija tiegħu. Huwa jgħid:

> "Illi permezz ta' verbal datat 25 ta' Gunju 2013, id-difiza talbet l-isfilz ta' l-istqarrija ta' l-akkuzat u dana peress illi l-istqarrija ittiehdet minghajr ma' l-akkuzat inghata l-opportunita` jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel ma rrilaxxa l-istqarrija inkriminanti tieghu. Illi il-Qorti cahdet dik it-talba peress illi irritjeniet li l-istqarrija ittiehdet b'mod legali minn persuna adulta u li ma tistax titqies bhala wahda vulnerabbli u li f'kwalunkwe kaz l-imhallef kien sejjer jindirizza lill-gurati kif ghandhom jindirizzaw din l-istqarrija fil-kumplessita` tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni;
>
> "Illi ghandu jinghad li din il-materja kienet giet ormai kristallizzata permezz ta' numru ta' sentenzi moghtija mil-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem li kienu jhallu ftit li xejn lok ghal interpretazzjoni fost dawn is-sentenzi insemmu ***Salduz vs Turkey*** applikazzjoni nru 3639/02 deciza 27 ta' Novembru 2008, ***Panovitis vs Cyprus*** application nru 4268/04 deciza 11 ta' Frar 2009, ***Polonka vs Poland*** application nru 20310/02 deciza 30 ta' Gunju 2009."
>
> "Illi in effetti tant kienet cara il-kwistjoni illi 1-Qorti Kostituzzjonali segwiet 1-insenjament ta' dawk is-sentenzi f'numru ta' kawzi. Illi f'dan ir-rgiward 1-esponent jirriferixxi ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Esron Pullicino** deciza 12 ta' April 2011, **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** deciza fl-istess gurnata, u **Il-Pulizija vs Alvin Privitiera** deciza fil-11 ta' April 2013.

"Illi f'dawn is-sentenzi kollha gie deciz b'mod inekwivoku li in-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju hu leziv ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem.

"Illi l-appellant hu ben konxju tal-fatt illi l-Qorti kostituzzjonali b'mod sorprendenti ghall-ahhar f'certu istanzi, mhux dejjem, kellha ripensament fuq dan l-insenjarnent bhal nghidu ahna fil-kaz ta' **Charles Stephen Muscat vs AG** tat-8 ta' Ottubru 2012.

"Illi l-appellant huwa wkoll ben konxju mill-fatt illi ir-ripensament tal-Qorti Kostituzzjonali qed jigi akkanitament ikkontestat quddiem il-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem f'diversi kawzi. Illi in oltre l-appellant jidhirlu li l-pozizzjoni kontradittorja illi hadet il-Qorti Kostituzzjonali f'din il-materja huwa wkoll leziv ta' 1-artikolu 6 tad-drittijiet tal-bniedem peress illi irreka incertezza fil-ligi u dana kif ser jigi ampjament trattat waqt l-udjenza.

"Illi tenut kont dan kollu l-ewwel Qorti kienet tat lok ghal irregolarita` serja meta ma laqghetx it-talba ghall-isfilz ta' l-imsemmi statement liema irregolarita` setghet tincidi serjament fuq il-verdett tal-gurija."

**20.** Effettivament fil-25 ta' Ġunju 2013, kif tajjeb josserva l-appellant, l-allura difensur tiegħu kien talab l-isfilz ta' l-istqarrija u l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba **"peress illi l-istqarrija ttieħdet [*recte:* saret] b'mod legali minn persuna adulta li ma tistax titqies bħala waħda vulnerabbli u fi kwalunkwe każ l-Imħallef sejjer jindirizza lill-ġurati li ma joqogħdux fuq l-istqarrija biss fil-każ ta' ħtieġa iżda għandhom jikkunsidraw fil-kumpless u fl-ambitu fix- [*recte:* tax-] xhieda l-oħra li tressaq il-prosekuzzjoni."**

**21.** Din il-kwistjoni ġiet indirizzata diversi drabi minn din il-Qorti. L-aħħar pronunzjament tagħha fir-rigward kien fit-30 ta' Lulju 2015 fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Angelus Vella u Jason Said** fejn saret referenza għal sentenza oħra tagħha mogħtija fil-31 ta' Lulju 2014 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat** fejn intqal hekk:

"**7.** Din il-Qorti diġa` kellha okkażjoni tikkunsidra eċċezzjoni identika fl-Appell Kriminali **Repubblika ta' Malta v. Antonio Abdilla et** deċiż fid-9 ta' Mejju 2013 fejn osservat **'illi meta stqarrija tingħata minn suspettat mingħajr l-assistenza ta' avukat dan ma jissarrafx awtomatikament fi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq u konsegwentement fl-inammissibilita` awtomatika tagħha.'** F'dik is-sentenza saret referenza għall-istess sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[7] fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali** kif ukoll għal sentenza oħra ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Saliba** mogħtija fit-2 ta' Mejju 2013 fir-rigward ta' aggravju simili għal dak odjern fejn intqal:

[7] Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012.

**"'15. L-insenjament awtentiku u l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali f'din il-materja ġie riassunt fil-bran li ġej mis-sentenza tal-istess Qorti tas-26 ta' April 2013 fil-kawża fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v Martin Dimech* fejn jingħad:**

**"'*Din il-qorti ġà kellha okkażjoni illi tgħid illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, fosthom ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilità tal-persuna interrogata, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex ma jitqiesx li l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.'*[8]**

**"'16. Fil-każ ta' llum din il-Qorti ma ġewx indikati lilha ebda ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita` fiż-żmien li l-appellant irrilaxxja l-istqarrija u x-xiehda in kwistjoni u li jistgħu jinduċu lil din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat meta ttieħdet l-istqarrija u ngħatat ix-xiehda, l-użu ta' dik l-istqarrija u xiehda fil-kors tal-ġuri twassal għal smigħ mhux xieraq fil-konfront tal-appellant. Ma rriżultat ebda ċirkostanza li tirrendi l-istess stqarrija u xiehda inammissibbli skont il-liġi.**

**"'17. Iċ-ċirkostanzi ta' l-appellant u ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdu l-istqarrija u x-xiehda, jifformaw parti mill-provi li se jinġiebu a konoxxenza ta' l-imħallfin tal-fatti. L-istess bħalma jifforma parti mill-provi dak li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u ċ-ċirkostanzi li fihom ikun qalhom (f'dar-rigward l-appellant ma ndika l-ebda xhud partikolari li qiegħed jilmenta dwaru). Difatti, bħal fil-każ ta' *Muscat*, l-appellant għad irid jgħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi <u>kollha</u>, u mhux biss l-istqarrijiet tiegħu; illi matul dan il-proċess huwa sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-ħtieġa li l-provi kollha, inkluża l-istqarrija u x-xiehda li ssemmiet, isir apprezzament tagħhom fl-assjem tagħhom meta jiddeċiedu dwar ħtija. L-imħallef saħansitra ċertament ser iwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrijiet jekk tinġieb xiehda li l-istqarrijiet ttieħdu bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Sta wkoll għall-imħallef togat biex jara x'kawteli jridu jittieħdu mill-imħallfin tal-fatti dwar xi diskors li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u f'liema ċirkostanzi ntqal dak id-diskors. Konsegwentement anke t-tieni aggravju huwa miċħud.'"**

**22.** Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, id-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti kienet korretta u għalhekk anke dan l-ilment huwa miċħud.

**23.** Fuq din l-istess kwistjoni l-appellant isostni li l-ewwel Qorti għamlet interpretazjoni żbaljata tal-liġi fl-indirizz.

[8] Ara wkoll Qorti Kostituzzjonali **Joseph Bugeja v Avukat Ġenerali**, 14 ta' Jannar 2013, rik. 70/2011

"Illi l-ewwel nett fuq 1-istess vena ghandu jinghad illi in pessima ipotezi, la l-Qorti ma kinitx ordnat l-isfilz ta' l-istatement kif sottomess aktar qabel, l-Imhallef messu, almenu, idderiega lill-gurati fuq il-validita` o meno ta' l-istqarrija ta' l-imputat fl-ambitu ta' l-indoli kostituzzjonaii sollevati aktar 'il fuq. Minflok 1-imhallef f'dan ir-rigward illimita ruhu fuq il-pozizzjoni legali li kienet palezi qabel ma kellna dan l-izvilupp kostituzzjonali daqstant importanti. Fil-fatt il-Qorti injorat ghal kollox dan l-izvilupp. Hawn issir referenza a fol 26 ta' l-indirizz ta' l-Imhallef. Hawn verbatim l-imhallef jghid is-segwenti: *Dak iz-zmien ma konniex naghtu id-dritt lill-investigat sabiex jikkonsulta ma' avukat.* Illi b'din l-asserzjoni l-imhallef ned jidderiegi lill-gurati fis-sens illi dan id-dritt ta' assistenza legali twieled biss wara li saru l-emendi fil-kodici kriminali relattivi fis-sena 2010. Naturalment, indubbjament din id-direzzjoni hija ghal kollox erronja fid-dritt, peress illi id-drittijiet inerenti jezistu minn dejjem anke in mankanza ta' deposizzjonijiet relattivi fil-qasam legali tal-pajjiz.

"Illi dan huwa in linea ma l-insenjament tal-Qorti ta' Strasburgu in subjecta materja. Illi imbaghad a fol 34 ta' l-istess indirizz dejjem fuq 1-istqarrija naraw li l-imhallef sedenti idderiega lill-gurati jinjoraw ghal kollox l-izviluppi kostituzzjonali li zviluppaw da ricenti. Hawn l-imhallef jghid per ezempju *'ghandna naccettawh dan l-istatement jew le? Ikkonsidraw jekk l-akkuzat kienx vulnerabbli. Jekk kien persuna vulnerabbli illi seta facilment jigi impressjonat mill-pulizija, illi beza', illi dan kien qed jghid kollox iva, iva, iva, ghax kellu seba' mitt sena biex johrog minn hemm allura intikom il-parir li dak l-istatement tiskartawh. Jekk pero` intom taslu ghal konkluzjoni illi l-akkuzat ma kienx persuna vulnerabbli tistghu tikkonsidraw bhala parti mill-provi l-istqarrija.'*

"Illi bid-dovut rispett anke tenut kont dak rilevat mid-difiza din id-direzzjoni kienet mhux biss leggera izzejjed izda ghad-dirittura skorretta ghall-ahhar. Illi ghal ta' l-anqas l-imhallef sedenti messu spjega dak li zvolga da ricenti fuq il-validita` o meno ta' l-istqarrijiet u iddiregihom biex jaraw huma f'dan l-isfond ghandhomx jiskartaw l-istqarrija o meno.

"Illi l-posizzjoni legali u guridika Maltija kienet fil-parti l-kbira taghha konsistenti dwar il-punt in ezami, senjatament, il-fatt li n-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju jwassal ghal ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Illi permezz ta' tali ksur, persuna akkuzata tigi ppregudikata ulterjorment matul is-smiegh tal-kawza, liema ksur jwassal sabiex l-akkuzat ma jkollux smiegh xieraq.

"Illi dwar dan, il-Qorti Kostituzzjonali kellha 1-opportunita' tghaddi l-gudizzju taghha b'numru ta' sentenzi, kif diga` inghad.

"Illi madanakollu b'mod inspjegabbli ghall-ahhar l-istess Qorti Kostituzzjonali biddlet l-interpretazzjoni taghha fis-sentenzi i) Charles Steven Muscat vs. 1-Avukat Generali, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012, liema sentenza llum tinsab pendenti quddiem l-Qorti ta' Strassburgu, ii) Joseph Bugeja vs. l-Avukat Generali, deciza nhar 1-14 ta' Jannar 2013 iii) Il-Pulizija vs. Tyrone Fenech deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-22 ta' Frar 2013 u iv) Il-Pulizija vs. Amanda Agius deciza mill-Qorti Kostituzzjonali ukoll nhar it-22 ta' Frar

2013, liema mill-ahhar zewg sentenzi ukoll jinsab pendenti quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Tal-Bniedem.

"Illi mbaghad il-posizzjoni giet imregga' lura ghal dik li kienet qabel is-sentenzi sucitati, permezz ta' sentenza fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Alfred Camilleri moghtija nhar it-12 ta' Novembru 2012 mill-istess Qorti Kostituzzjonali.

"Illi ghalhekk l-imputat jilmenta mill-fatt illi l-posizzjonijiet dijametrikament opposti li hadet il-Qorti Kostituzzjonali f'numru konsiderevoli ta' sentenzi konflingenti jmorru kontra l-principju baziku li jinnecessita c-certezza legali.

"Illi l-appellant umilment jissottometti illi kien ikun aktar idoneju li l-Qorti Kostituzzjonali, bhala l-oghla Qorti tal-istat Malta, tistabilixxi linja gwida dwar dan il-punt. Illi f'dan is-sens jinghad li l-Qorti Suprema tal-istat ghandha tkun dik il-Qorti li tirrizolvi l-konflitti legali, u mhux tkun hi stess is-sors tal-istess konflitt.

"Illi hawnhekk l-appellant jaghmel ampja referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Belian vs. Romania (App. No. 30658/05) nhar is-6 ta' Dicembru 2007 dwar dan il-punt.

"'37. Admittedly, divergences in case-law are an inherent consequence of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction. However, the role of a supreme court is precisely to resolve such conflicts (see *Zielinski and Pradal and Gonzalez and Others v. France* [GC], nos. 24846/94 and 34165/96 to 34173/96, § 59, ECHR 1999-Vu).

"'38. In the instant case it is clear that the HCCJ was the source of the profound and lasting divergences complained of by the applicant.

"'39. The practice which developed within the country's highest judicial authority is in itself contrary to the principle of legal certainty, a principle which is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the basic elements of the rule of law (see, *mutatis mutandis*, *Baranowski V. Poland*, no. 28358/95, § 56, ECHR 2000-111). Instead of fulfilling its task of establishing the interpretation to be followed, the HCCJ itself became a source of legal uncertainty, thereby undermining public confidence in the judicial system (see, *mutatis mutandis*, *Sovtransavto Holding v. Ukraine*, no. 48553/99, § 97, ECHR 2002-Vu, and *Pàduraru*, cited above, § 98; see also, by contrast, *Prez Arias v. Spain*, no. 32978/03, § 27, 28 June 2007).'

"Illi aktar minn hekk, fil-kawza f'l-ismijiet Nelyubin v. Russia l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk:

"'22. The Court reiterates that the right to a fair hearing before a tribunal as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention must be interpreted in the light of the Preamble to the Convention, which declares, in its relevant part, the rule of law to be part of the common heritage of the Contracting States. One of the

fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty, which requires, among other things, that where the courts have finally determined an issue, their ruling should not be called into question (see Brumàrescu v. Romania, judgment of 28 October 1999, Reports of Judgments and Decisions 1999-Vu, § 61).'

"Illi ghalhekk jidher indubjament illi dawn is-sentenzi daqstant konflingenti mill-Qorti Kostituzzjonali, inkarigata mill-harsien tad-drittijiet fondamentali tieghu jwasslu ghal posizzjoni legali incerta ghall-ahhar, u dan kollu a detriment tal-appellant.

"Illi minhabba fil-premess jinghad ukoll li l-appellant qieghed jirrizerva d-drittijiet tieghu li iressaq dawn il-lanjanzi kostituzzjonali tieghu fil-forum idoneju."

**24.** Din il-Qorti sejra tiċċita eżattament x'qal l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri fir-rigward ta' l-istqarrija, peress illi l-appellant għażel li jiċċita biss żewġ brani qsar. L-Imħallef li ppresjeda l-ġuri spjega lill-ġurati hekk:[9]

"Mezz ta' prova oħra importanti tal-prosekuzzjoni hija l-famuża statement. Dari aħna dika konna nqisuha bħala l-prova reġina għax kienet fattur importanti ħafna fil-provi tal-prosekuzzjoni. Illum għadna naċċettawha bħala prova, pero` mhux daqshekk importanti. X'inhu jiġri? Għax intqal ħafna fuqha din l-istatement illi kienet legali pero` mhux ġusta. Dana 'l għaliex reċentement ġiet mogħtija struzzjoni, ġiet promulgata liġi fejn tgħidilna illi kwalunkwe indagat li jkun arrestat mill-pulizija għandu d-dritt li jikkonsulta maa' avukat fil-bidu ta' l-arrest tiegħu. Meta sar dan ir-reat, meta ġie arrestat l-akkużat din il-liġi ma kinitx hemm għad illi minn Strasbourg, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, dan il-kunċett kien diġa` ħareġ, dan il-kunċett kien diġa` ħareġ. Allura qamet il-kwistjoni illi dawk l-istatements kollha illi saru fil-frattemp kienu kollha *tainted*, kienu kollha saru b'tali mod illi jilledu d-drittijiet ta' l-akkużat ta' smiegħ xieraq, *of a fair trial*, għaliex dana jkun irrilaxxja din l-istqarrija mingħajr ma jkun ikkonsulta ma' avukat u kwindi din l-istqarrija tista' tkun *tainted*.

"Pero` llum għandna gwida oħra, għandna gwida oħra. L-ewwelnett il-liġi l-antika dik illi tipproteġi l-akkużat minn stqarrija llegali għadha hemm. Stqarrija ma tistax tingħata taħt theddid, intimidazzjoni, promessi jew suġġerimenti ta' favuri. Ma tistax. Bażikament jekk ikun hemm xi ħaġa minn dawn preżenti l-istatement hija llegali. F'dan il-każ mhuwiex qed jiġi allegat mid-difiża illi dan l-istatement huwa tainted, huwa mċappas ma' xi waħda minn dawn l-illegalitajiet. Pero` qalilna illi saret inġustizzja 'l għaliex l-akkużat ma ġiex mogħti d-dritt illi jikkonsulta ma' avukat. Bħalma diġa` għidtilkom sinjuri, dak iż-żmien illi ġie nterrogat l-akkużat din il-liġi li għandna llum ma kinitx teżisti u dak iż-żmien l-akkużat ma kellux id-dritt illi jikkonsulta ruħu ma' avukat. Pero` llum għal dawk l-istatements illi saru fl-*interim period* – wieħed minnhom huwa dan, proprju dan l-istatement illi għandna llum – il-linja gwida hija illi mhux bilfors kull statement illi fiha ma jkunx sar l-assistenza ta' l-avukat bilfors hija nulla jew invalida, imma

[9] Paġni 11 – 13 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.

rridu naraw kemm kien vulnerabbli l-akkużat, kemm seta' kien influwenzat jew bil-biża', bil-fatt illi kien qiegħed jiġi nterrogat mill-pulizija u jekk hemmx prova oħra ma xiex tista' torbot dak illi jkun qal fl-istatement.

"F'dan il-każ mela bħala fatt aħna nafu illi l-akkużat ma kienx xi tifel żgħir meta ġie nterrogat mill-pulizija. Kien raġel matur, fid-dinja tax-xogħol, *very street wise, taxi-driver,* jinnegozja l-karozzi jew id-dgħajjes u araw intom bħala fatt jekk dan setax kien *overawed*, setax kien imbeżża' mill-fatt illi kien qed jiġi nterrogat mill-pulizija. Nafu wkoll illi ċerta amiċizja mal-pulizija kien hemm. Meta s-Surġent Brandon niżel Marsamxett u l-akkużat identifika ruħu, għarfu. Għarfu lil xulxin. U sejjaħ lil Dennis. Dennis telaq jiġri u l-akkużat sejjaħ lil Dennis lura. Qallu: 'Ejja s-Surġent Brandon hawn. Nafuh dan.' Voldieri ċerta amiċizja, ċerta konoxxenza bejn l-akkużat u l-pulizija kien hemm ukoll. Biex taraw dan il-fattur jekk setax influwenza b'mod negattivament, jekk beżax l-akkużat waqt illi kien qiegħed jagħti l-istatement.

"L-istess Spettur li kien preżenti qalilna fuq domanda la naf tad-difiża jew tal-prosekuzzjoni, qalilna illi l-akkużat kien pjuttost rilassat meta kien qiegħed jgħid l-istatement u l-Ispettur Cilia anzi qalilna ċar u tond fl-aħħar illi 'pero` ma kienx qiegħed jirrealiżża l-gravita` ta' dak li kien qiegħed jgħid!' Hekk spiċċa x-xiehda tiegħu. Kien rilassat pero` l-akkużat ma kienx qed jirrealiżża l-gravita` ta' dak li kien qiegħed jgħid. Ma jfissirx illi b'daqshekk illi ma qalux jew inkella qalu taħt influwenza ta' xi ħaġa negattiva min-naħa tal-pulizija. Għalhekk intom tridu taraw issa bħala fatt jekk l-akkużat setax kien intimidat bil-preżenza tal-pulizija waqt illi kien qiegħed jirrilaxxja din l-istqarrija.

"Pero` ngħidilkom ukoll illi meta tiġu biex tikkonsidraw il-ħtija o meno ta' l-akkużat ma tistgħux, toqogħdux biss fuq l-istqarrija. *It is not the be all and end all* tal-provi, imma tridu tikkonsidrawha fl-ambitu tal-provi kollha illi tressqu quddiemkom u kemm din l-istqarrija hija korroborata ma' fatti oħra, ma' provi oħra illi nġabu, inkluż ix-xiehda tiegħu. Kemm din ix-xiehda illi ta quddiemkom tikkorrobora din l-istqarrija illi hu rrilaxxja.

"Mela jiena qed ngħidilkom sinjuri illi dik l-istqarrija hija valida, hija valida. Intom tridu tikkonsidraw biss jekk l-akkużat kienx intimidat bil-preżenza tal-pulizija u jekk ma kienx, meta tiġu biex tikkonsidraw dik l-istqarrija toqogħdux fuqha biss imma arawha wkoll fl-ambitu tal-provi l-oħra kollha illi tressqu quddiemkom. Ok, sinjuri, ċara din il-biċċa?"

**25.** Aktar 'il quddiem fl-indirizz, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri qal[10]:

"Meta mbagħad niġu għat-tieni pass biex nikkonsidraw naqbdu l-istatement. Għandna naċċettawh dan l-istatement jew le? Ikkunsidraw jekk l-akkużat kienx xi persuna vulnerabbli. Jekk kien persuna vulnerabbli illi seta' faċilment jiġi mpressjonat mill-pulizija, illi beża', illi dan kien qed jgħidilhom kollox iva, iva, iva, iva, iva, għax kellu seba' mitt sena biex joħroġ minn hemm allura jiena nagħtikom il-parir illi dik l-istatement tiskartawha. Jekk pero` intom taslu għall-konklużjoni illi l-akkużat ma kienx persuna vulnerabbli, persuna *street wise,* jaf

[10] Paġna 34 *ibidem*.

> x'inhi l-pulizija, persuna ta' eta` matura u li fehem id-drittijiet tiegħu, fehem id-dritt illi jkun sieket pero` għażel illi jirrilaxxja dik l-istqarrija, jekk taslu għal dik il-konklużjoni kwindi l-istqarrija tistgħu tikkunsidrawha bħala parti mill-provi u l-istqarrija qiegħda hemm."

**26.** L-ewwelnett huwa evidenti illi l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri bbaża l-indirizz tiegħu fuq id-dispożizzjonijiet legali tal-Kodiċi Kriminali dwar iċ-ċirkostanzi li jirrendu stqarrija ta' akkużat inammissibbli bħala prova fil-proċeduri kriminali fid-dawl tal-insenjament tal-qrati Maltin ta' kompetenza kostituzzjonali kurrenti fiż-żmien li sar l-indirizz, u kwantu hekk ma ppekkax, u għalhekk ma jistax jiġi ritenut minn din il-Qorti li b'dak li ingħad mill-ewwel Qorti fl-indirizz tagħha lill-ġurati kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-liġi. Dwar il-mod ta' kif indirizza lill-ġurati din il-Qorti ċertament **"does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice".**[11] Inoltre: **"The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case .... A direction is seldom improved and may be considerably damaged by copious recitations from the total content of a judge's notebook. A direction to a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case."**[12]

**27.** Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad l-ilment ta' l-appellant li l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi.

**28.** Ilment ieħor ta' l-appellant hu li l-imħallef sedenti ma spjegax b'mod ċar il-linji difensjonali prinċipali. Huwa jgħid:

> "Illi l-ewwel linja difensjonali kienet l-insufficjenza tal-mezzi. Sabiex tissussisti din id-difiza irid ikun hemm is-segwenti ingredjenti:
>
> "1. Li l-ghan tal-malvivent ma jintlahaqx. Naturalment ghax jekk jintlahaq allura il-mezzi uzati ma jistghu qatt ikunu kunsidrati bhala insufficjenti.
>
> "2. L-insufficjenza tal-mezzi trid tkun wahda assoluta u mhux relattiva. Illi bid-dovut rispett il-mod ta' kif l-ewwel Qorti ittantat li tispjega din id-difiza a fol 31 u 32 kienet wahda konfuzjonali ghall-ahhar u anke erronja ghall-ahhar. Huwa koncess illi t-tentattiv li tharrab persuni jitqies bhala ir-reat kunsmat. Din in-

[11] Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (**Archbold Criminal Pleading Evidence and Practice 2003**, para. 7-53 p. 936).
[12] Lord Hailsham, L.C. f'*R. v. Lawrence* [1982] A.C. 510 at 519, H.L. (**Archbold**, *op. cit.*, para. 4-368, p. 460).

nozzjoni legali fil-fatt tezisti anke taht Kap 101. Madanakollu dan il-fatt wahdu ma jeskludix a priori il-linja difensjonali imqajjma mid-difiza. L-imhallef pero`, hekk iggwida lill-gurati.

"Illi huwa minnu kif intqal qabel li d-difiza ta' l-insufficjenza tal-mezzi tista' tinghata biss meta l-ghan tal-malvivent ma jkunx intlahaq imma dan ghal ragunijiet ovvji kif fuq spjegati. Il-fatt li ai fini ta' l-akkuza it-tentattiv qed jitqies bhala reat kkunsmat pero` ma jxejjen xejn mid-dritt li tigi sollevata din 1-eccezzjoni.

"Li ta' min jghid li din il-linja difensjonali evolviet mill-gurisprudenza u mhux minn xi ligi pozittiva. Illi zewg ligijiet taghna li jikkontemplaw probabilment ai fini ta' piena li tentattiv ghandu jigi kkunsidrat daqs reat kunsmat huma ligijiet ricenti li gew promulgati wara id-duttrina de quo kienet gia ilha vigenti ghal zmien twil.

"Fil-kaz in dizamina xorta wahda tista' tigi sollevata din id-difiza tal-insufficjenza tal-mezzi peress li ab initio l-iskop ta' dawk li riedu jaharbu minn Malta qatt ma seta' jigi realizzat minhabba l-insufficjenza tal-mezzi.

"Illi l-linja difensjonali l-ohra ta' l-esponent kienet li l-esponent fl-aghar ipotezi kien tal-fehma li ma kinux ser ikunu aktar minn tlieta minn nies li riedu jaharbu. Illi jekk huwa ma kienx jaf allura ma hemmx il-mens rea necessarja u se mai il-komplici jehlu ghal dak li jsir izjed minn dak li jkun sar ftehim fuqu. Illi pero` hawn ukoll l-imhallef ma spjega xejn din il-linja difensjonali, izda ghamel biss zewg osservazzjonijiet f'dan ir-rigward li, bid-dovut rispett, ftit ghandhom x'jaqsmu ma' din id-difiza. Iz-zewg rimarki kienu is-segwenti:

1 . Li tkellmu biss tlieta minn nies li kienu survivors ta' harba sussegwenti – kumment superfluwu ghall-ahhar.

2. Li meta l-esponent nizel hdejn ix-xatt ra numru sostanzjali ta' barranin u beza' u harab. Illi kuntrarjament ghal dak li inferiet l-ewwel Qorti, dan il-fatt zgur ma jinkolpix lill-esponent f'dan 1-aggravju, anzi jezonerah. Meta wasal fuq il-post l-esponent kien sorpriz u ma seta' jaghmel xejn biex ifixkel il-harba ghaliex beza' u telaq. Illi l-esponent ma setax issopona li ser ikun hemm daqstant nies minhabba ic-cokon tad-dghajsa."

**29.** Minn eżami ta' l-indirizz jirriżulta li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri għamel referenza ċara għad-difiża ta' l-"insuffiċjenza tal-meżżi" meta qal hekk:

"L-aspett intenzjonali huwa l-ħsieb. L-aspett materjali huwa t-tentattiv biex jidħlu jew joħorġu u l-meżżi li jkunu wżati biex isir hekk. Id-difiża hawnhekk qed tgħidilna rigward dan l-element illi dan ma jistax jirnexxi għax fi kwalunkwe każ qatt ma seta' kien hemm dan it-tentattiv għax kien fl-impossibilita` illi jsir. Argumentat illi d-dgħajsa kienet żgħira wisq biex tieħu dawk in-nies kollha u dawn f'dawk iċ-ċirkostanzi żgur illi ma kinux se jaslu sa Sqallija u ġabitilna l-eżempju tal-persuna li jrid jiftaħ bieb ta' l-azzar b'rixa. Imma l-ħsieb tal-persuna biex jiftaħ il-bieb ta' l-azzar qiegħed hemm. Imma l-aspett materjali mhuwiex

għax impossibbli. F'dan il-każ nistgħu ngħidu li kien hemm din l-impossibilita`?"[13]

**30.** L-Imħallef li ppresjeda l-ġuri minn hawn ipprosegwa biex jagħmel osservazzjonijiet dwar dak li rriżulta mill-provi dwar kemm il-persuni li riedu jaħarbu minn Malta damu ħerġin bid-dgħajsa qabel ma reġgħu lura, konsiderando d-dgħajsa li kellhom, il-qawwa tal-mutur u l-veloċita`, u liema fatturi kienu jindikaw li kien hemm tentattiv. "Sinjuri", jissokta l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, "dana qed nidħol fil-kamp tagħkom hawn, all right? Imma dina osservazzjoni m'għamel ħadd hawn. Jien qed nagħmilha, qed inpoġġi ħa quddiemkom biex intom tikkunsidrawha, mhix xi ħaġa din illi intom għandkom toqogħdu fuq dak li qed ngħidilkom, pero` dawn huma l-fatti li jirriżultaw. Dawn huma l-fatti li intom għandkom tikkonsidraw fid-deliberazzjoni tagħkom." Fil-fehma ta' din il-Qorti l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma kellux bżonn jiġbed il-konklużjoni hu li l-fatti li semma kienu jammontaw għal tentattiv. Fl-istess ħin bħalma jingħad f'Blackstone's Criminal Practice 2001, para. D15.16, p.1448: **"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. O'Donnell (1917) 12 Cr App R 219), in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (Canny (1945) 30 Cr App R 143)."** Fil-każ in eżami dan ma kienx "robust comment" kif aċċennat f'dan il-bran dwar il-ħtija o meno ta' l-appellant. Fl-aħħar mill-aħħar l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri xorta ħalla lill-ġurati liberi li jiddeċiedu huma fuq l-istat tal-provi miġjuba quddiemhom.

**31.** Imbagħad fir-rigward tad-difiża li, fl-agħar ipoteżi, l-appellant ma kienx jaf li kienu se jkunu aktar minn tlieta dawk li riedu jaħarbu, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri qal hekk:

> "Imbagħad għandna l-aggravju illi l-mira ta' din il-konġura kienet l-esportazzjoni biex ngħid hekk ta' nies kontra l-liġi liema nies kienu aktar minn tlieta. Id-difiża qiegħda tgħidilkom illi fil-fatt ma kinux għax meta l-pulizija bdew jinvestigaw dan il-każ tliet xur wara, tliet xhur wara, l-unika tlieta illi setgħu jagħtu informazzjoni dwar x'kien ġara fit-tliet xhur ta' qabel, kienu dawk illi għandna hawnhekk u dawk nafu bihom mhux l-oħrajn. Mela tistgħu taċċettaw din it-teżi u ma jkollniex dan l-aggravju ta' aktar minn tlieta min-nies, imma kkunsidraw ukoll x'qalu dawn it-tlieta u x'qal l-akkużat li fl-istatement qalilna illi kienu tmienja u hawnhekk ukoll qalilna li kienu iktar tant kien hemm illi beża'."[14]

[13] Paġni 19 – 20 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.
[14] Paġni 22 – 23 *ibidem*.

**32.** Aktar 'il quddiem fl-indirizz tiegħu, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri jerġa' jfakkar lill-ġurati fid-difiżi mqajma:

> "Il-linji difensjonali għal dawn il-provi huma l-impossibilita` tat-twettiq tar-reat, li l-fatti ma jwasslux għall-ħtija u anke jekk se mai dawn iwasslu, ma hemmx il-prova illi kienu aktar minn tlieta illi ppruvaw jaħarbu dakinar."[15]

**33.** Dwar l-ewwel linja difensjonali f'dan l-istadju l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri jirreferi biss għal dak li ssottomettiet il-prosekuzzjoni u m'hemmx konsiderazzjonijiet tiegħu. Aktar qabel[16] kien diġa` tkellem dwar l-elementi tar-reat in eżami fejn spjega li meta l-liġi titkellem dwar, *inter alia,* li persuni jidħlu jew joħorġu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu, dan ifisser li "dan il-ħruġ jew dħul m'għandux għalfejn ikun suċċess".

**34.** Dwar it-tielet linja difensjonali jgħid:

> "Fl-aħħar in subsidium [id-difiża] qaltilna illi ma hemmx l-aggravju ta' aktar minn tlieta. Dana 'l għaliex meta bdiet tinvestiga l-pulizija, bdiet tinvestiga tliet xhur wara fejn allura ħafna minn dawk in-nies li kienu involuti f'dik il-ħarba ta' Diċembru ma kinux *available*. Tkellmu biss tlieta min-nies illi kienu s-*survivors* tal-ħarba ta' Marzu u fuq dawk it-tlieta biss tista' torbot illi setgħu kienu hemmhekk dakinar illi ħarbu f'Diċembru. Pero` min-naħa l-oħra nġibilkom l-attenzjoni ta' dak li qal l-akkużat fl-istqarrija illi semma tmienja meta niżel hemm isfel u hawnhekk semma iktar. Tant kien hemm illi beża' u semma wkoll illi dawn ma setax jarahom 'il għaliex kienu wara ċ-ċint tal-waterpolo mentri huma kienu fuq is-slipway, dawn qegħdin hemm wara, sema' ħafna għajjat u storbju u ma jafx x'inhu għaddej. Beża' u mbagħad telaq 'l hemm. Pero` f'xi ħin ġew il-pulizija. Il-verżjonijiet qegħdin hemmhekk sinjuri, tafuhom ċari llum. Jiddependi lilkom sabiex tiddeċiedu."[17]

**35.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li qal l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri dwar il-linji difensjonali kien ċar biżżejjed biex il-ġurati jifhmu t-teżi tad-difiża. Dan qiegħed jingħad apparti l-kunsiderazzjoni tar-relevanza tal-kwistjoni sollevata mill-akkużat appellant dwar l-insuffiċjenza tal-mezzi tenut kont tal-fatt li l-appellant kien akkużat b'reat kunsmat u mhux b'tentattiv ta' reat u għalhekk dak attribwit lill-akkużat kien jikkonsisti f'delitt esegwit u mhux filli ta bidu għall-esekuzzjoni ta' xi delitt, meta huwa ghall-finijiet ta' din l-aħħar ipotesi li tista' tkun relevanti xi kwistjoni tas-suffiċjenza o meno tal-mezzi użati. In kwantu għat-"tentattiv" imsemmi fid-definizzjoni tad-delitt *de quo* kienet opportuna l-preċiżazzjoni fl-indirizz tal-ewwel Qorti li "dan il-ħruġ jew dħul m'għandux għalfejn ikun suċċess". Dan apparti l-kunsiderazzjoni l-oħra li r-reat

---

[15] Paġna 32 *ibidem.*
[16] Paġna 19 *ibidem.*
[17] Paġni 33 – 34 *ibidem.*

dedott kontra l-akkużat appellant kien jinkludi wkoll l-ipotesi tal-konġura li sabiex tiġi kunsmata huwa suffiċjenti li jkun hemm il-pjan jew ftehim komuni fuq xi sura ta' azzjoni sabiex jitwettaq ir-reat *de quo*. Għall finijiet ta' dan l-appell ma hemmx ħtieġa li f'dan ir-rigward din il-Qorti tgħid aktar minn hekk.

**36.** Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, għalhekk, anke dan l-ilment huwa miċħud.

**37.** It-tieni aggravju ta' l-appellant hu li l-ġurati ma setgħux raġonevolment isibuh ħati fuq l-akkuża kif dedotta. Huwa jgħid:

> "Illi irrizulta manifestament li id-dghajsa uzata kient assolutament inadegwata ghal vjagg prospettat. Illi ghad li hu minnu li sfortunatament il-gurija ma kellhomx l-okkazjoni li jaraw b'ghajnejhom u jmissu b'idejhom id-dghasja in kwistjoni, xorta ngabu provi bizzejjed sabiex jindikaw l-inidoneita` tad-dghajsa. Mill-provi irrizulta li din id-dghajsa kellha biss 16-il pied u li ma kinitx dghajsa miftuha. Illi f'dak ic-cokon ghad li huwa teknikament possibbli li iddahhal kwantita` ta' nies huwa impossibli li taghmel it-tragitt previst. Dan jinghad aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li biex taghmel dan it-tragitt trid ammont sostanzjali ta' petrol, mill-anqas hames jerrycans li jiehdu terz mill-ispazji. Fil-fatt huwa ghal kollox impossibli li taqsam minn Malta ghal Sqallija fuq dghajsa ta' dak it-tip b'dawk in-nies kollha, li maghhom ikunu qed igorru zewg fliexken ilma kull wiehed, xi hwejjeg u ikel li kollha ikomplu inaqqsu il-ftit spazju li seta' kien ghad fadal.
>
> "Illi l-gurati ma setghux isibu htija fuq l-aggravju numeriku tal-persuni. Dan jinghad l-ghaliex il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex iggib ombra ta' prova li tindika li l-appellant kien konsapevoli li kellhom jingarru aktar minn tlieta minn nies. Fil-fatt mid-depozizzjoni tieghu naraw li hu kien issopona li ser ikun hemm mhux aktar minn tlieta minn nies u dana peress li skond il-fehma tieghu ma setghux jitqieghdu aktar minn tlieta minn nies fl-ispeed boat meta kellu jinzamm ukoll dak il-fuel kollu u xi effetti personali. Illi in effetti huwa xehed li meta irrealizza u ra dawk il-barranin kollha huwa beza', infixel u telaq lil hemm.
>
> "Illi inoltre il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova sal-grad rikjest mill-ligi wiehed mill-elementi essenzjali tar-reat u cioe` dak tal-qliegh. Jirrizulta illi l-bejgh tad-dghajsa kien jikkostitwixxi transazzjoni kummercjali normali ghal persuna, l-esponent, illi fil-fatt kien jizvolgi attivita` fin-negozju tal-karozzi u xi dghajsa.
>
> "Illi l-involviment ta' l-esponent kien limitat ghal bejgh tad-dghajsa u l-qliegh li ghamel kien emergenti mill-istess bejgh u mhux mill-harba innifisha. Illi l-esponent ma ghamel ebda qliegh ulterjuri mill-harba izda l-uniku qliegh li ghamel kien mill-bejgh tad-dghajsa, transazzjoni normali u legittima u li ghalih ma kien jaghmel ebda differenza ghalxiex kienet tintuza dik id-dghajsa ghal fini tar-rekwizit ta' qliegh ai termini tal-ligi.
>
> "Illi ma jezisti ebda ness dirett bejn il-qliegh u l-harba infisha ghaliex l-esponent ma qalax il-flus mill-harba izda mill-bejgh tad-dghajsa indipendentement mill-

iskop li ghalih kienet se tintuza id-dghajsa. Illi hawnhekk mhux si tratta ta' xi kaz fejn persuna tkun hallset specifikament biex tigi mharrba fejn il-qliegh allura ikun intrinsikament u esklussivament mas-servizzi offerti mill-persuna li tkun ser tharrab.

"Illi 1-esponent ma ghamel ebda qliegh ulterjuri mill-harba u ghaldaqstant dan l-element hu kompletament mankanti u ghaldaqstant il-gurati ma setghux isibu htija fl-appellant.

"Illi dan jemergi b'mod aktar car meta jigi jkun precizat ukoll, fid-dawl ta' dan l-aggravju, illi il-qliegh materjali kien fl-essenza tieghu mhux aktar minn mitejn lira Maltin, stante illi dan huwa l-ammont li kien ser jibqaghlu fil-but, mill-bejgh tad-dghajsa wara li wiehed inaqqas il-prezz li hu kien hallas biex akkwista id-dghajsa.

"Ghaldaqstant dan il-fatt ikompli isahhah aktar it-tezi illi ma kien hemm ebda qliegh mill-harba per se. Ghandu mill-buon sens illi persuna tidhol ghal dak ir-riskju kollu bil-konsegwenzi kollha li tali sitwazzjoni iggib maghha, biex jaqla' qliegh mizeru ta' minn mitejn lira Maltin, jew aktarx ghandu aktar mill-buon sens li dan il-qliegh seta' kien ser isir jew sar minn haddiehor u mhux mill-esponenti."

**38.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti issa trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati, setgħux legalment u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha.[18] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu, u ġew

[18] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

diretti f'dan is-sens mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, illi jivvalutaw il-provi kollha miġjuba.

(ii) Irid jiġi sottolineat ukoll li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li jaraw u jisimgħu x-xhieda kollha, salv dawk li kienu siefru u għalhekk kellha tinqara x-xiehda li huma kienu taw waqt il-kumpilazzjoni. B'hekk, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, inkluż dik ta' l-appellant, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u wara li ġew ben indirizzati mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija skond l-Uniku Kap ta' l-Att ta' Akkuża.

(iii) Ir-reat addebitat lill-appellant u li tiegħu nstab ħati huwa dak ta' traffiku ta' persuni skont l-artikolu 337A(1) tal-Kodiċi Kriminali li jippunixxi lil **"[k]ull min bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, jgħin, jassisti, jagħti parir jew iħabrek biex persuna oħra tidħol jew tagħmel tentattiv biex tidħol jew toħroġ jew tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex toħroġ minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, jikkonġura f'dak is-sens ma' xi persuna oħra"**. Dan ir-reat, mela, huwa kkunsmat anke fejn l-iskop tal-awtur ta' dan ir-reat ikun sabiex il-persuna mgħejjuna tagħmel biss tentattiv biex tidħol, toħroġ jew tgħaddi minn Malta. Inoltre, bħalma ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Peter Borg** (25 ta' Frar 2009): **"L-ewwelnett meta l-ligi titkellem dwar persuna li "tidhol jew taghmel tentattiv biex tidhol jew tohrog jew tghaddi minn jew taghmel tentattiv biex tghaddi minn jew taghmel tentattiv biex tohrog minn Malta", ma jfissirx illi jrid ikun hemm bil-fors prova tar-rizultat miksub (*the result achieved*) izda huwa sufficjenti li jkun hemm prova tar-rizultat li jkun mixtieq li jinkiseb (*the result sought*). Wara kollox[19] l-istess artikolu 337A jaghmel reat anke 'l-kongura' biex jintlahaq l-iskop imsemmi."**

(iv) Fil-każ in eżami l-appellant jinsisti li d-dgħajsa ma kinitx idoneja biex isir il-passaġġ minn Malta għal Sqallija. Minn dak li jirriżulta mix-xhieda, pero`, kien il-baħar imqalleb li waqqaf il-vjaġġ u li ġiegħel lill-persuni li kienu fuq id-dgħajsa ma jipprosegwux bil-vjaġġ tagħhom. Yaser Salem El Dagham jgħid li reġgħu lura għax il-baħar kien imqalleb. Hafes Mohammed Ibrahim Bertawi jgħid illi t-temp inbidel. Youssef Mohammed jgħid li l-kaptan tad-dgħajsa qal li l-ħoss tal-magna mhux qed togħġbu u t-temp ma kienx tajjeb, il-baħar kien

[19] Kif ġia rilevat f'paragrafu 35 *supra*.

imqalleb. Dwar kemm ħadu ħin bejn il-ħin tat-tluq u tal-wasla lura Malta, hemm ftit diskrepanza. El Dagham jgħid li nofs siegħa. Bertawi jgħid li damu siegħa ħerġin qabel ma nbidel it-temp. Mohammed qal li għamlu kważi nofs siegħa qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni li jirritornaw. Huwa għalhekk evidenti li tentattiv sar. Il-fatt li din id-dgħajsa setgħet kienet mgħobbija aktar milli suppost huwa sa ċertu punt immaterjali meta jitqies kif ‘l hekk imsejħin immigranti rregolari solitament jitrassu ma’ xulxin meta jkunu qegħdin jagħmlu l-vjaġġ/i tagħhom. M’hemmx dubju, pero`, li fuq id-dgħajsa kien hemm aktar minn tlieta; difatti tissemma l-figura ta’ erbatax-il ruħ.

(v) Fl-istqarrija tiegħu l-appellant jgħid li kien Hafes (ix-xhud Bertawi) li kien qiegħed jinnegozja għad-dgħajsa li hu kellu bi sħab ma’ ċertu Dennis McKay (li miet fil-mori tal-kawża). Mistoqsi jekk Hafes u sħabu qalulux għal fejn riduha d-dgħajsa, wieġeb: “Meta ġie l-ewwel darba dan Hafes kien qalli riedha għalih. Iżda wara kien qalilna li riduha biex jaħarbu minn Malta.” Meta xehed waqt il-ġuri, l-appellant qal li ma kienx jaf għalfejn riduha d-dgħajsa iżda “ssopona” meta niżel Marsamxett u ra “xebgħa nies b’dawk il-jerricans fuq il-blat”. Evidentement il-ġurati ma emmnux li l-appellant ma kienx jaf minn qabel. Fil-fatt El Dagham xehed li kien l-appellant li ġab il-“petrol jew diesel” fil-vann u niżżluhom huma stess (l-immigranti). Bertawi xehed li dakinhar li għamlu t-tentattiv tagħhom, kien l-appellant li ġabarhom minn ħdejn il-*bus terminus* u ħadhom ħdejn il-baħar u anke ġab il-petrol u ż-żejt biex jużawh għad-dgħajsa. Bertawi jikkonferma wkoll illi hu u oħrajn (semma lil Youssef, Mohammed, Gasem) qalulhom lill-appellant u lil McKay għaliex riedu d-dgħajsa. Youssef Mohammed ukoll xehed li l-appellant wassal grupp ta’ sebgħa sa ħdejn il-baħar. Minn dan il-ġurati setgħu jikkonkludu kemm li l-appellant kien jaf għalfejn l-immigranti riedu d-dgħajsa kif ukoll li kien jaf li kienu aktar minn tlieta.

(vi) L-appellant jikkontendi li ma jirriżultax l-element ta’ qliegħ, u li l-qliegħ li għamel kien emerġenti minn sempliċi negozju ta’ bejgħ ta’ dgħajsa, liema qliegħ ma kienx aktar minn Lm200. L-ewwelnett l-artikolu 337A(1) jirreferi għal “xi qligħ li jkun”. Mela qligħ kien hemm. Inoltre bil-fatt li l-appellant kien jaf għalfejn dawn il-persuni riedu jixtru d-dgħajsa, huwa kien qiegħed jgħinhom biex jaħarbu jew jippruvaw jaħarbu minn Malta.

(vii) Fid-dawl ta’ dan kollu il-ġurati setgħu raġjonevolment u legalment jikkonkludu li l-appellant kien ħati ta’ l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

**39.** L-aħħar aggravju ta’ l-appellant huwa dwar il-piena. L-appellant jikkontendi li l-piena hi waħda eċċessiva. Huwa jissottometti:

“Illi in effetti ghandu jinghad li l-piena moghtija mill-Qorti Kriminali ma tirriflettix l-involviment sekondarju tal-appellant fil-harba in kwistjoni. F’dan is-sens jinghad li l-piena ta’ seba (7) snin prigunerija li ghalihom gie kkundannat l-appellant tistona mhux ftit meta mqabbla ma’ sentenza l-komplici f’dan l-kaz Haffes Berthawi. Su in piu din il-piena tikkontrasata sproporzonatament mhux ftit f’sentenzi ohra moghtija lill persuni rinfaccjati b’akkuzi simili, fejn f’certu kazijiet sahansitra inhargu l-artikoli u l-proceduri nstemghu bil-procedura sommarja.

“Illi f’dan 1-isfond l-esponent jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ferhat Guellouma u Mohammed Ibrahim Gohar**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali nhar it-12 ta’ Dicembru 2012 mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LLD.

“Illi f’dan il-kaz iz-zewg imputati imsemmija gew akkuzati talli bil-hsieb li jsir qliegh, ghenu, assistew, taw parir jew habirku biex persuni ohra jidhlu jew jaghrnlu tentattix biex jidhlu, jew johorgu jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta madwar seba’ persuni, fejn kienu l-imputati dawk li gabru u organizzaw lil dawn il-persuni, u anke thalsu flejjes kbar minghandhom.

“Illi l-Qorti sabithom hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, u kkundannathom ghal perjodu ta’ sitt xhur  prigunerija.

“Illi l-appellant jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-25 ta’ Frar 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Borg**.

“Illi fil-kaz suindikat l-appellant kien gie akkuzat talli bil-hsieb li jaghmel qliegh, assista. ghen, ta parir jew habrek sabiex hamsa u ghoxrin (25) persuna jaharbu minn Malta, fejn mill-provi mressqa hareg pjenament il-fatt li l-imputat zamm numru ta’ persuni go dar, garr l-istess persuni minn go hotel ghal gewwa dik id-dar, temaghhom ghal numru ta’ granet u assista f’kull ma kien hemm bzonn sabiex issir il-harba.

“Illi f’dawk il-proceduri l-imputat gie kkundannat ghal piena ta’ tliet (3) snin prigunerija effettiva.

“Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Erin Mallia**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta’ Novembru 2012, l-Imhallef Michael Mallia cahad l-appell u kkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti, li skartat ghal kollox il-verzjoni tieghu u kkundannatu ghal perjodu ta’ sena prigunerija.

“Illi f’dan il-kaz l-appellant kien xufier ta’ trailer li kien destinat ghal Sqallija. Flimkien ma persuna ohra l-imputat gabar l-ammont ta’ EUR85O rninghand kull wiehed minn disa’ (9) persuni u ttanta jassistihom fil-harba taghhom fuq il-Catamaran lejn Sqallija, fejn gie skopert mill-ufficjali tal-Catamaran matul it-tragitt imsemmi.

“Illi imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mohamed Muhudiin Dhiblaawe**, deciza mill-Imhallef Michael Mallia nhar is-16 ta’ Marzu

2011, l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' **erba' snin u nofs prigunerija effettiva**.

"Illi f'dan il-kaz l-esponent kien rinfaccjat b'akkuzi simili talli bil-hsieb li jaghmel qliegh, ghen, assista, ta parir jew habrek sabiex persuni jidhlu Malta b'mod illegali, permezz ta' tragitt fuq il-bahar bejn Malta u Libya wara li tkun thalset is-somma ta' USD900.

"Illi 1-Qorti Kriminali f'dawn il-proceduri sabet lill-imputat hati wara li 1-imputat irregistra l-ammissjoni tieghu, u wara li gie pprezentat rikors konguntiv mill-Avukat Generali u l-akkuzat innifsu a tenur tal-artikolu 453A(1)(2) tal-Kodici Kriminali, fejn iz-zewg partijiet qablu fuq il-piena imsemmija.

"Illi fli-ahharnett l-esponent jaghmel ukoll referenza ghal-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Philip Azzopardi u Joseph Vella**, deciza mili-Imhallef Michael Mallia nhar it-2 ta' Marzu 2011.

"Illi certament dan huwa kaz partikolari li l-esponent jehtieg li jaghmel referenza ghalih. Fil-fatt dawn il-proceduri kienu jirrigwardaw harba ta' numru kbir ta' persuni mid-detention centre fid-depot tal-Pulizija, madwar hamsin immigrant, liema harba kienet tinvolvi l-assistenza tal-imputati msemmija.

"Illi gie wkoll ipprovat li bil-ghan li ssir il-harba, l-imputati thallsu eluf ta' Liri Maltin, liema somma kienet ukoll tinkludi l-iprokurar tad-dghajsa. li kellha tintuza fit-tragitt.

"Illi mbaghad, il-persuni mharrbin twasslu sal-lukanda Marsalforn Hotel gewwa Ghawdex, sabiex hemmhekk jinhbew sa dak il-jurn meta kellha ssir il-harba minn Malta, liema lukanda kienet gestita mill-koakkuzat Joseph Vella.

"Illi f'dawn il-proceduri, ghad li l-akkuzi kienu ta' natura serjissima, ikkundannat lil Philip Azzopardi u lil Joseph Vella ghal **piena karcerarja effettiva ta' sitt (6) snin, u tmintax-il xahar habs rispettivament**.

"Illi l-esponent umilment jissottometti illi 1-ewwel Qorti meta ikkalibrat is-sentenza taghha tat-28 ta' Gunju 2013 ma kkunsidratx it-trapass konsiderevoli ta' seba snin ta' proceduri ghal liema l-esponent dejjem ikkopera bis-shih."

**40.** Issa, in materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[20].

**41.** Fir-rigward tal-piena nflitta fil-każ in eżami m'hemmx dubju li din hi fil-parametri tal-liġi. Il-piena għar-reat addebitat lill-appellant hi dik ta' priġunerija

[20] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

minn sitt xhur sa ħames snin jew multa ta’ tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew dik il-multa u priġunerija flimkien, b’dan illi stante li l-għadd ta’ persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura kif imsemmi qabel kien ta’ aktar minn tlieta, il-piena għandha tiżdied bi grad wieħed sa tliet gradi. Dan ifisser li l-piena minima ta’ priġunerija dwar l-Ewwel Kap hi ta’ seba’ xhur u dik massima hi ta’ tnax-il sena. M’hemmx dubju illi t-traffikar ta’ persuni huwa reat serju u bħala tali l-piena għandha tkun adegwatament severa biex tibgħat messaġġ ċar li ma jistax jiġi tollerat bl-ebda mod.

**42.** B’referenza għal ġurisprudenza oħra, din il-Qorti dejjem sostniet li l-paraguni huma odjużi u kull każ irid jiġi kkunsidrat fuq il-mertu tiegħu. Id-disparita` lamentata mill-appellant hi bejn is-sentenza moghtija fil-konfront tiegħu u dawk moghtija f’każijiet li mhumiex relatati. Bħalma jingħad f’Archbold, *Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. **571): “The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.).”**

**43.** Finalment din il-Qorti tirreferi għas-segwenti bran minn **Blackstone’s Criminal Practice 2004** [21]:

> **“The phrase ‘wrong in principle or manifestly excessive’ has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal’s general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, ‘This court will be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges’. Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: ‘... that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.” Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase ‘wrong in principle’. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to ‘wrong in principle’) words to the effect that the sentence was ‘excessive’ or ‘manifestly excessive’. This does not, however, cast any doubt on Channell J’s dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the**

[21] Paġna 1695, para. D23.45.

**offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**44.** Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-każ li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena.

**45.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza appellata.